# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 7 ta' Awwissu 2017**

**Numru 1**

**Rikors numru 242/2017**

**Fl-atti tal-kawża numru 5/2017**
**wara l-ħruġ tal-mandat ta' arrest**
**ta' bċejjeċ tal-baħar 'il fuq minn**
**għaxar metri numru 6/2017 fl-ismijiet:**

**Graziella Attard,**
***Agostino Padre Limited* (C60382) u**
***KGA Limited* (C72075)**

***v.***

**Khaled Barkat Zaky Ahmed Abdelrazek,**
**Amer Barakt Zaky Ahmed Abdelrazek**
**f'ismu proprju u f'isem is-soċjetà *REMA Trading Limited* (C69868)**

1. Dan huwa provvediment fuq rikors magħmul fis-6 ta' Ġunju 2017 mis-soċjetà *REMA Trading Limited* ["*REMA*"] b'talba taħt l-art. 836(1) (*a*), (*b*), (*d*) u (*f*) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili biex jitħassar mandat ta' arrest ta' biċċa tal-baħar maħruġ fuq talba ta' Graziella Attard *et* ["l-intimati"], u għall-ħlas ta' penali taħt l-art. 836(8) (*b*) u/jew (*d*) tal-istess kodiċi. Il-fatti relevanti huma dawn:

2. Khaled Barkat Zaky Ahmed Abdelrazek u Amer Barakt Zaky Ahmed Abdelrazek f'isimhom proprju ["Abdelrazek"] kienu kisbu l-ħruġ ta' mandati kawtelatorji kontra l-intimati biex iħarsu pretensjoni li għandhom kontrihom. L-intimati, billi dehrilhom li minħabba f'dawk il-mandati kienu sejrin iġarrbu danni, kisbu huma wkoll il-ħruġ ta' mandati kawtelatorji – fosthom il-mandat 6/2017 li qiegħed jintalab it-tħassir tiegħu fil-proċeduri tallum – mhux biss kontra Abdelrazek iżda wkoll kontra *REMA.* Sussegwentement, biex iżommu fis-seħħ il-mandati kawtelatorji maħruġa fuq talba tagħhom, l-intimati fetħu kawża b'rikors maħluf (numru 5/2017) u talbu effettivament illi l-qorti, wara li tgħid li ma humiex debituri tal-pretensjonijiet imħarsa bil-mandati maħruġa fuq talba ta' Abdelzarek, tikkundanna lill-konvenuti fil-kawża jħallsu d-danni li ġarrbu l-atturi bil-pretensjonijiet magħmula kontrihom.

3. *REMA* ressqet l-eċċezzjoni li għandha tinħeles mill-ħarsien tal-ġudizzju billi ma ndaħlet qatt la fil-pretensjonijiet li jissemmew fir-rikors maħluf u lanqas fl-atti ġudizzjarji li minnhom jilmentaw l-intimati (atturi fil-kawża). Din l-eċċezzjoni ntlaqgħet b'sentenza preliminari mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fid-29 ta' Marzu 2017 li minnha iżda sar appell. Ir-raġunijiet għala l-ewwel qorti laqgħet l-eċċezzjoni ġew imfissra hekk:

> »Illi din hija azzjoni għal ċaħda ta' pretensjonijiet u għad-danni minħabba l-ħruġ ta' atti ġudizzjarji marbutin mal-imsemmija pretensjonijiet.
>
> »… … …
>
> »Illi l-qorti tqis li l-azzjoni attriċi fil-qofol tagħha hija waħda ta' danni mnissla minn pretensjonijiet magħmula mill-imħarrkin aħwa Abdelrazek. Dawk il-pretensjonijiet saru f'kawża miftuħa minnhom (u li

għadha qiegħda tinstema' u wkoll bil-ħruġ ta' mandati kawtelatorji). L-azzjoni attriċi hija waħda maħsuba fl-artikolu 836(9) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Tqis ukoll li *Rema* ma tissemma mkien bħala parti fl-atti ġudizzjarji mressqin kontra l-atturi. Tqis ukoll li l-liġi tagħti azzjoni għad-danni lil min ikun inħareġ kontrih mandat kawtelatorju kontra "r-rikorrent li fuq talba tiegħu jkun inħareġ il-mandat kawtelatorju";

»Illi minn dawn iċ-ċirkostanzi u kostatazzjonijiet fattwali, il-qorti ssib li jidher ċar li *Rema* ma għandha l-ebda leġittimazzjoni passiva biex twieġeb għall-pretensjonijiet attriċi f'din il-kawża. Huma l-aħwa Abdel-rezak waħedhom li qegħdin jagħmlu l-pretensjonijiet kontra l-atturi … … … u *Rema* ma tidħol xejn f'dan. Jekk l-atturi ġarrbu tassew xi danni, dawn ġarrbuhom minħabba l-ħruġ tal-mandati kawtelatorji, u *Rema* ma talbet il-ħruġ tal-ebda wieħed minnhom. Il-qorti ma tistax tilqa' l-argument tal-atturi biex "jitgħolla l-velu" ta' *Rema* biex ma tħallix lill-imħarrkin aħwa Abdelrezak jistaħbew wara l-personalità ġuridika tagħha: dan l-argument jaqleb ta' taħt fuq il-prinċipju tad-dritt soċjetarju u ma kienx maħsub għal sitwazzjoni li l-atturi jriduha tgħodd għaliha;

»Illi fuq is-saħħa ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, il-qorti tasal għall-fehma li l-ewwel eċċezzjoni preliminari hija tajba u sejra tilqagħha.«

4. Sadanittanti b'rikors tal-10 ta' Jannar 2017 quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (numru 18/2017) magħmul taħt l-art. 836(1) (*a*), (*b*), (*d*) u (*f*) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili Abdelrazek u *REMA* kienu talbu li jitħassar il-mandat 6/2017. Din it-talba ġiet miċħuda b'dikriet tat-28 ta' April 2017 għal raġunijiet li l-qorti fissrithom hekk:

»Tqis illi l-unika eżami li f'dan l-istadju huwa permess li tagħmel din il-qorti huwa dak limitat għal *prima facie*, *cioè* li tara li t-talbiet lilha avvanzati jiġu eżaminati mad-daqqa t'għajn u xejn aktar.

»Jingħad li kemm ir-rikors in eżami u r-risposta jressqu kontestazzjoni fil-mertu li *del resto* huwa ġà pendenti quddiem din il-qorti u oħra diversament preseduta … … … Din il-qorti hija għal kollox prekluża milli tagħmel dan l-eżami approfondit spettanti l-eżami tar-rikors ġuramentat u l-eċċezzjonijiet għalih.

»… … …

»Illi għalkemm din il-qorti hija rinfaċċata bis-sentenza preliminari li ħadet in konjizzjoni l-ilment prinċipali tar-rikorrenti, u *cioè* l-estranjetà tas-soċjetà *REMA Trading* għat-talbiet avanzati fil-konfront tagħha, u għalkemm tali ġudizzju jittrassendi l-eżami *prima facie* li trid u hija msejħa tagħmel din il-qorti f'dawn il-proċeduri, ir-rikorrenti għoġobhom jinfurmaw lill-qorti bl-intenzjoni ta' appell fuq l-istess sentenza. Illi konsegwentement ikun loġiku li din it-talba tiġi *in funditus* eżaminata f'dak il-*forum* superjuri hekk adit.

»Illi jidher ukoll a bażi ta' *prima facie* – u dan qed jingħad bla preġudizzju għal dak kollu appena premess – illi l-eżekutanti jidhru li għandhom jedd x'javvanzaw għal aktar skrutinju ġudizzjarju, li għalkemm jista' wkoll ifalli ma jistħoqqulhomx ibatu penali. Dan jista' japplika biss u talvolta jirriżulta malizzjożità u abbuż mis-sistema ġudizzjarja. S'issa dan għadu mhux muri lil din il-qorti almenu sal-livell hawn meħtieġ.«

5. Issa bir-rikors tallum magħmul quddiem din il-qorti *REMA* qiegħda titlob illi l-qorti:

»1. tirrevoka … l-mandat ta' arrest ta' bċejjeċ tal-baħar 'il fuq minn għaxar metri bin-numru 6/17 fl-ismijiet premessi b'mod sħiħ jew parzjali fil-konfront ta' *Rema Trading Limited*, u dan *ai termini* tal-artikolu 836(1) (*a*), (*b*), (*d*), u/jew (*f*) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, billi anke, jekk ikun hemm bżonn, fejn jirrigwarda lis-soċjetà esponenti, tirrevoka *contrario imperio* d-digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla (19/17MH [*recte*, 18/2017]) fit-28 ta' April 2017 dwar dan l-istess mandat;

»2. tikkundanna, għar-ragunijiet mogħtija mill-artikolu 836(8) (*b*) u/jew (*d*) tal-istess Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, [lil] Graziella Attard, *Agostino Padre Limited* u *KGA Limited* sabiex iħallsu l-penali sal-massimu maħsub mil-liġi (li f'kull każ ma għandhiex tkun anqas minn ħdax-il elf u sitt mitt euro, *ai termini* tal-artikolu 861) li tmur għand *REMA Trading Limited* … … …«

6. Ir-raġunijiet li għalihom saru dawn it-talbiet, safejn jolqtu l-mandati maħruġa kontra *REMA*, huma sostanzjament l-istess bħala dawk li għalihom kienu saru t-talbiet miċħuda mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili bid-dikriet fuq imsemmi tat-28 ta' April 2017, *viz.* li *REMA* ma kinitx parti fil-proċeduri li wasslu għall-ħruġ tal-mandati li allegatament qegħdin jagħmlu ħsara lill-intimati.

7. L-intimati wieġbu *inter alia* illi:

»… … … digriet li jiċħad rikors tad-debitur għall-ħruġ ta' kontro-mandat ma jistgħux jiġu appellati direttament quddiem il-Qorti tal-Appell, iżda jistgħu jiġu kkontestati permezz ta' proċeduri ordinarji – ġà permezz ta' ċitazzjoni, u odjernament permezz ta' rikors (ġuramentat *o meno* skond il-każ) quddiem l-istess qorti illi tat id-digriet (f'dan il-każ, quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili), bi dritt ta' appell lill-Qorti tal-Appell, *una volta* tinghata s-sentenza *in prima istanza*;

8. Il-qorti tosserva li dawn il-proċeduri tallum ma humiex appell mill-provvediment mogħti mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-28 ta'April 2017 iżda proposta mill-ġdid tal-istess talba ta' *REMA.* Ukoll, għalkemm huwa minnu li wara li, fl-10 ta' Jannar 2017, sar ir-rikors miċħud bil-provediment fuq imsemmi, ingħatat is-sentenza preliminari mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fid-29 ta' Marzu 2017 li laqgħet l-eċċezzjoni preliminari ta' nuqqas ta' leġittimazzjoni passiva ta' *REMA*, ma jistax jingħad li seħħew xi fatti ġodda għax il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fid-dikriet tagħha tat-28 ta' April 2017 qieset il-fatt illi fid-29 ta' Marzu 2017 kienet ingħatat dik is-sentenza preliminari.

9. Dawn il-proċeduri tallum għalhekk ma humiex talba ġdida għat-tħassir tal-mandat minħabba fatti ġodda li seħħew wara d-dikriet tat-28 ta' April 2017, u lanqas ma huma appell minn dak id-dikriet; huma effettivament talba għall-konsiderazzjoni mill-ġdid tal-istess talbiet ta' *REMA*, tant illi ntalab it-tħassir *contrario imperio* tad-dikriet tat-28 ta' April 2017 għalkemm din il-qorti f'kull każ ma tarax kif provvediment jista' jitħassar *contrario imperio* jekk mhux mill-istess qorti li tkun tat dak il-provvediment.

10. F'dawn iċ-ċirkostanzi għalhekk igħodd dak li qalet din il-qorti fis-provvediment tad-19 ta' Novembru 2001 fl-atti tal-mandat ta' sekwestru 3507/2000 fl-ismijiet Paul Tanti *et v.* Sammy Mifsud *et*[1]:

> »… … … il-posizzjoni fir-rigward ta' appelli mix-xorta ta' digrieti taħt eżami, setgħet kienet u fil-fatt kienet biss permezz ta' proċedura

[1] Rikors numru 2259/2000; ara wkoll Josef Gatt *v.* Marisa Gatt, App. 8 ta' Mejju 2003, u Alexander Grech *et v. Mamma Mia Restaurant et*, App. 15 ta' Frar 2005.

ordinarja tal-att taċ-ċitazzjoni mill-kontradittorju tal-kontro-parti, u minn sentenza fuq dik it-talba seta' jsir appell quddiem din il-qorti.

»*Una volta* l-leġislatur għażel li ma jiddefinix din il-materja, anke jekk fil-kuntest ta' reviżjoni ġenerali tal-liġi proċedurali magħmula bl-Att XXIV tal-1995, ma kienx leċitu li din il-qorti tiddipartixxi mill-ġurisprudenza kostanti tagħha in materja li ddefiniet in-natura ta' digriet li jawtorizza l-ħruġ ta' mandat kawtelatorju, liema konsiderazzjonijiet japplikaw *mutatis mutandis* ukoll għal digriet tal-ħruġ ta' kontro-mandat tal-istess att kawtelatorju. Ma kienx hemm raġuni ghaliex l-insenjament ta' dawn il-qrati f'dan ir-rigward fuq elaborat ma kellux jitqies li għadu fis-seħħ billi l-ebda disposizzjoni ta' liġi li ġiet introdotta ma pprovdiet għal din l-eventwalità. Konsegwentement il-posizzjoni tibqa' kif kienet sal-lum illi dawn ix-xorta ta' digrieti ma setgħux jiġu appellati direttament quddiem din il-qorti. Setgħu biss jiġu appellati u kontestati permezz ta' att taċ-ċitazzjoni quddiem l-istess qorti illi tat id-digriet bi dritt ta' appell lil din il-qorti *una volta* tingħata s-sentenza *in prima istanza*.«

11. Fi kliem ieħor, la jista' jsir appell mid-dikriet tat-28 ta' April 2017 u lanqas ma tista' terġa' ssir l-istess talba sakemm ma jintweriex li seħħew fatti ġodda: tista' ssir biss kontestazzjoni tad-dikriet permezz ta' kawża b'rikors maħluf quddiem l-istess qorti li tat id-dikriet.

12. Għal dawn ir-raġunijiet l-eċċezzjoni preliminari tal-intimati għandha tintlaqa'.

13. Il-qorti għalhekk ma tqisx aktar ir-rikors. L-ispejjeż ta' dan l-episodju tħallashom *REMA*.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>President | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Noel Cuschieri<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
mb